MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tat-22 ta' April, 2004

Ċitazzjoni Numru. 2178/2000/1

**Raymond ĊIANTAR**

**vs**

**Joan ĊIANTAR, Direttur tar-Reġistru Pubblikuu l-istess Joan Ċiantar li b'Degriet tal-21 ta' Frar, 2001, ġiet nominata Kuratriċi Deputat ħalli tirrappreżenta lill-minuri Ramon Ċiantar**

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressq fid-29 ta' Settembru, 2000, li bih l-attur ippremetta:

Illi l-partijiet iżżewġu fis-6 ta' Ottubru 1984;

Illi l-partijiet isseparaw legalment fis-17 ta' Novembru 1987;

Illi ż-żwieġ bejn l-partijiet ġie dikjarat null u bla effett b'sentenza tat-18 ta' Ottubru 1994;

Illi miż-żwieġ tal-partijiet u wara li kienu separati legalment twieled tifel Ramon Ciantar li llum għandu tnax-il sena;

Illi l-minuri Ramon Ciantar mhux iben naturali ta' l-attur;

Illi għalhekk kellha ssir din il-kawża;

Għalhekk l-attur jitlob lil din l-Onorabbli Qorti għaliex m'għandhiex:

1. Tiddikjara li l-minuri Ramon Ciantar mhux wild naturali tal-attur;

2. Konsegwentement tordna lill-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku illi jħassar minn fuq iċ-ċertifikat tat-twelid tal-minuri, d-dettalji kollha relattivi għall-attur u jiġu sostitwiti bil-kliem "missier mhux magħruf";

3. Tordna illi tali korrezzjoni issir f'kull att ieħor relattiv u anċillari.

Bl-ispejjeż kontra l-konvenut inġunti in subizzjoni.

Rat id-Dikjarazzjoni maħlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-attur;

Rat in-Nota mressqa fid-29 ta' Marzu, 2001, li biha l-imħarrek Direttur tar-Reġistru Pubbliku eċċepixxa;

1. Preliminarjament, l-inammissibilita' taċ-ċitazzjoni a bażi tal-Artikolu 73 tal-Kap 16 jekk ma tinġiebx prova konkreta rigward it-terminu ta' sitt xhur stipulat mill-istess artikolu li fih għandhom jiġu ntavolati kawżi ta' din in-natura;

2. Illi dwar il-mertu tal-azzjoni ta' denegata paternita' f'dan l-istadju huwa mhux edott mill-fatti kif allegati fiċ-ċitazzjoni;

3. Illi bla preġudizzju għas-suespost, għandu qabel xejn isir id-debitu avviż fil-Gażżetta tal-Gvern ai termini tal-Artikolu 254 tal-Kap 16;

4. Illi wkoll bla preġudizzju, il-bidla li qed tintalab tirrigwarda dokument pubbliku li jikkonċerna minuri u li jekk kemm il-darba tintlaqa' żgur li ser tinfluwixxi fuq il-ħajja futura tal-istess minuri, għalhekk jinħtieġ li kwalunkwe prova li tinġieb tkun konvinċenti u ammisibbli skond il-liġi;

5. Illi inoltre u bla preġudizzju, f'każ li t-talbiet attriċi jiġu kanċellati l-kliem "the said" mill-kolonna li tirreferi għal partikolaritajiet tal-omm;

6. Illi in vista tal-fatt li ċ-ċirkostanzi li taw lok għal talba għal korrezzjoni fl-att tat-twelid huma għal kollox estranei għall-esponent huwa m'għandux jiġi soġġett għall-ispejjeż;

7. Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-Dikjarazzjoni maħlufa u n-Nota tax-Xiehda tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku;

Rat in-Nota mressqa fid-19 ta' April, 2001, li biha l-imħarrka Joan Ċiantar *proprio* u *nomine* eċċepiet;

1. Illi l-azzjoni odjerna ġiet preżentata fid-29 ta' Settembru 2000. Il-Liġi Artikolu 73 Kapitolu 16 tagħti sitt xhur mit-twelid tal-minuri għall-preżentat ta' din l-azzjoni. Dan il-perijodu ovvjament skada;

2. Illi l-imsemmi minuri twieled fl-10 ta' Jannar 1988. Il-kontendenti ġenituri tiegħu kienu fi stat ta' konvivenza matul il-perijodu kollu imsemmi fl-Artikolu 70

(1) tal-Kapitolu 16; L-attur ma kienx afflit minn impotenza, kif evidenzjat ampjament mir-rapporti tiegħu mal-konvenuta u ma' persuna oħra; It-tqala tal-esponenti bl-imsemmi minuri ma nżammx moħbi anżi tali tqala u eventwali twelid ġew speċifikament regolati fil-kuntratt ta' separazzjoni bejn il-kontendenti;

3. Illi l-imsemmi minuri Ramon Ciantar huwa l-wild naturali tal-attur. Di piu' huwa jipposjedi l-istat ta' tifel leġittimu tal-attur stabilit, inter alia, mill-kollettivita ta' indizji imsemmija fl-Artikolu 80 tal-Kapitolu 16. L-azzjoni odjerna hija għalhekk eskluża bl-operazzjoni tal-Artikolu 81 tal-istess Kapitolu 16;

4. Salv eċċezzjonijiet oħra;

Rat id-Dikjarazzjoni maħlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-imħarrka Joan Ċiantar;

Rat id-Degriet tagħha tat-23 ta' Mejju, 2001, li bih u fuq talba tal-partijiet, tat żmien biex jitressqu provi bil-meżż tal-affidavit dwar l-ewwel eċċezzjoni taż-żewġ imħarrkin;

Rat ix-xhieda, magħduda dik imressqa bil-meżż tal-affidavit mill-partijiet, u l-provi dokumentali relattivi;

Rat il-verbal tas-smigħ tad-29 ta' Mejju, 2002, fosthomid-dikjarazzjoni magħmula mill-avukati tal-partijiet dwar id-data tat-twelid tal-minuri Ramon Ċiantar;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet dwar l-ewwel eċċezzjoni preliminari;

Rat li l-kawża tħalliet għa-sentenza dwar l-ewwel eċċezzjoni preliminari li l-azzjoni attriċi waqgħet għaliex infetħet wara ż-żmien mogħti mil-liġi;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni għal ċaħda ta' paternita'. L-attur, li kien miżżewweġ lill-imħarrka Joan Ċiantar, qiegħed jgħid li t-tifel Ramon Ċiantar, mwieled minnha, mhux ibnu. Hu qiegħed jitlob dikjarazzjoni tal-Qorti f'dan is-sens u kif ukoll it-tħassir ta' kull riferenza dwaru bħala missier Ramon fl-Att tat-Twelid tal-istess minuri;

Illi għal din l-azzjoni, l-imħarrka Joan Ċiantar, omm it-tifel, laqgħet billi qalet li l-azzjoni nbdiet ħafna żmien wara s-sitt xhur mit-twelid tat-tifel; li tul it-tqala tagħha bit-tarbija hi u l-attur kienu jgħixu flimkien; u li t-tifel kellu stat ta' wild leġittimu tal-attur u kien, fil-fatt, ibnu;

Illi, min-naħa tiegħu, id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku qanqal il-kwestjoni tal-inammissibilita' tal-azzjoni minħabba ż-żmien, u dan minbarra eċċezzjonijiet oħrajn li jolqtu l-mertu tat-talbiet attriċi;

Illi din is-sentenza qegħda tingħata dwar l-ewwel eċċezzjoni ta' kull wieħed miż-żewġ imħarrkin f'din il-kawża, u dan għaliex jekk din l-eċċezzjoni tirriżulta mistħoqqa, ma jkunx hemm għalfejn li l-Qorti tgħaddi biex tistħarreġ is-siwi tat-talbiet tal-attur fil-mertu;

Illi l-azzjoni tal-attur hija msejsa fuq dak li l-liġi tfisser fl-artikolu 70 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta. Fl-istess Kodiċi jingħad ukoll li tali azzjoni trid li biex l-azzjoni sseħħ trid tinbeda fi żmien sitt (6) xhur, li jibdew jgħaddu mit-twelid tat-tarbija, jekk ir-raġel ikun jinsab f'Malta; jew minn mindu jiġi lura Malta; jew minn mindu jintebah bit-twelid, jekk dan u t-tqala ta' qablu jkunu nżammu moħbija minnu[1];

Illi hija fehma stabilita li ż-żmien imsemmi huwa wieħed ta' dekadenza, u jintrabat ma' ċ-ċirkostanza essenzjali li, sa ma tiġi biex titressaq l-azzjoni, l-wild ma jkunx kiseb il-pussess ta' stat ta' wild leġittimu[2];

Illi mill-<u>provi mressqa fl-atti tal-kawża,</u> jirriżulta li l-attur u l-imħarrka Joan Ċiantar imwielda Debattista żżewġu f'Malta

---

[1] Art. 73 tal-Kap. 16
[2] P.A. RCP **4.6.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Gauċi vs Antoinette Gauċi***

fis-6 ta' Ottubru, 1984[3]. Infirdu legalment fis-17 ta' Novembru, 1987, b'kuntratt ta' firda personali[4]. Illi sa xi tlitt ijiem wara li saret il-firda bl-imsemmi kuntratt, huma kienu baqgħu jgħixu taħt saqaf wieħed, u meta ġie ippubblikat il-kuntratt tal-firda, l-imħarrka kellha qrib tmien (8) xhur tqala. It-tarbija Ramon twieldet fl-10 ta' Jannar, 1988[5]. Fil-kuntratt tal-firda personali, hemm klawsoli fejn l-attur jintrabat li joħroġ manteniment kemm għal martu u kif ukoll għat-tarbija li kienet qegħda ġġorr. Wara talba li l-imħarrka kienet għamlet quddiem din il-Qorti, b'sentenza tal-1 ta' Lulju, 1994[6], ir-retta ta' manteniment li l-attur kien obbligat iħallas lil martu u lill-minuri żdiedet. Iż-żwieġ kien ġie dikjarat null b'sentenza mogħtija fit-18 ta' Ottubru tal-1994. Il-kawża nfetħet f'Settembru tal-2000;

Illi mill-provi joħroġ ukoll li l-attur kien ġie mgħarraf bit-tqala minn martu, u kien ukoll imur magħha għand it-tabib għal żjajjar matul it-tqala. L-imħarrka tgħid li saħansitra dak inhar li twieldet it-tarbija, l-attur kien mar jaraha l-isptar. Minbarra dan, sa ftit żmien qabel infetħet il-kawża, l-attur baqa' jħallas il-manteniment dwar it-tifel;

Illi, min-naħa tiegħu, l-attur bl-ebda mod ma jmieri l-fatti hawn fuq imsemmija. Jgħid biss li għalkemm martu kienet qaltlu bit-tqala, kienet talbitu ma juri 'l ħadd b'dan. Għall-finijiet tal-eċċezzjoni taħt eżami, madankollu, stqarrija tali ma tgħin bl-ebda mod lill-attur, għaliex il-qofol tal-aċċertament meħtieġ hu jekk kienx ressaq il-kawża għaċ-ċaħda tal-paternita' aktar minn sitt xhur mid-data tat-twelid tat-tarbija, u mhux jekk kienx qiegħed jissuspetta li t-tarbija setgħetx kienet ta' ħaddieħor jew jekk kinitx saret pressjoni fuqu minn martu biex ma jitkellimx ma' ħadd dwar it-tqala tagħha;

Illi minbarra dan, l-attur innifsu jistqarr li kien ilu jiddibatti ma' avukati li kienu jidhru għalih dwar jekk kellux jiftaħ din il-kawża[7]. Hemm ukoll il-fatt rilevanti li, fl-ebda waqt matul il-kawża li l-imħarrka kienet fetħet fl-1992 (erba' snin

---

[3] Affidavit tal-imħarrka f'paġ. 30 tal-proċess
[4] Ara "Dok B" f'paġġ. 34-7 tal-proċess
[5] Ara dikjarazzjoni fil-verbal tas-smigħ tad-29.5.2002, f'paġ.51 tal-proċess
[6] Dok "A", f'paġġ. 59 sa 66 tal-proċess
[7] Xhieda tal-attur 29.5.2002, f'paġ. 56 tal-proċess

wara t-twelid tat-tifel) biex titlob żieda fil-ħlas tal-manteniment għaliha u għat-tifel, l-attur ma deherlu li kellu jiċħad li t-tifel kien tiegħu. Ir-raġuni li huwa ta meta ġie mistoqsi għaliex ma kienx ċaħad dak iż-żmien li t-tifel kien tiegħu hija waħda dgħajfa għall-aħħar;

Illi minn dak li jingħad iżjed 'il fuq, joħroġ ċar li l-attur kien jaf li l-imħarrka kienet ħarġet tqila u li dan l-għarfien kien seħħ fi żmien meta hu u martu ma kinux għadhom infirdu legalment. Ma jistax jingħad bl-ebda tiġbid tal-immaġinazzjoni li kien hemm xi ħabi tal-istess tqala jew tat-twelid, kif imsemmi fil-liġi u mifhum mill-Qrati[8];

Illi ma ntweriex lanqas li l-attur kien nieqes minn Malta f'xi żmien rilevanti matul it-tqala jew fiż-żmien tat-twelid tat-tarbija;

Illi, għalhekk, fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, l-eċċezzjoni taħt eżami tidher għal kollox mistħoqqa u jirriżulta li l-attur naqas li jressaq l-azzjoni tiegħu fiż-żmien;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda tiddeċiedi billi:

**Tilqa' l-ewwel eċċezzjoni** tal-imħarrka Joan Ċiantar u l-ewwel eċċezzjoni tal-imħarrek Direttur tar-Reġistru Pubbliku, u tiddikjara li l-attur naqas li jressaq l-azzjoni tiegħu fiż-żmien li trid il-liġi u b'hekk tiddikjara l-azzjoni perenta, u tikkundanna lill-attur iħallas l-ispejjeż kollha tal-kawża.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------

[8] Ara P.A. **28.4.1965** fil-kawża fl-ismijiet ***Borġ vs Borġ noe et*** (Kollez. Vol: **XLIX.ii.898**) għal tifsira mirquma ta' "ħabi tat-twelid"